MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru. 163/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Matthew Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Muscat, iben il-mejjet Louis u Valerie nee Borg, imwieled Pieta nhar l-20 ta' Novembru 1983, residenti 52, Flt 2, St. Paul's Building, Valletta, detentur tal-karta tal-identita 602683 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 t'Ottubru 2007 u matul l-ahhar granet qabel din id-data:

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) U aktar kellu fil-pussess talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-10 ta' Settembru 2004 mill-Magistrat Dott. S. Demicoli LL.D. u ta' nhar id-29 ta' Novembru 2004 mill-Magistrat Dott. G. Grixti LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat il-verbal tat-12 t'Ottubru 2011, fejn id-difiza iddikjarat li bla pregudizzju li d-dokumenti esebiti huma fil-fatt id-droga kif allegat mill-prosekuzzjoni.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fejn *inter alia* Dottor Jose Herrera ghall-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tal-imputat trid tigi skartata in linea ma l-

insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi **Pulizija v. Alvin Privitera** deciza fil-11 ta' April 2011, u **Pulizija v. Esron Pullicino** u **Pulizija v. Mark Lombardi,** it-tnejn decizi fit-12 ta' April 2011, u dan stante li l-imputat ma kienx inghata l-opportunita li jiehu parir legali qabel irrilaxxa l-istqarrija tieghu.

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta illi l-imputat u siehbu kienu go karozza ipparkjati bil-lejl gewwa Ta' Qali, meta gew imfittxija mill-pulizija li kienu qieghdin jaghmlu r-ronda peress li issuspettaw fihom. Il-Pulizija ma sabu xejn fuq il-persuna tal-imputat u ta' siehbu, izda meta fittxew fil-karozza sabu seringa kontinenti eroina u zewg bicciet zghar rezina tal-cannabis. Id-difiza ivverbalizzat li ma kienitx qed tikkontesta x'kienet id-droga li instabet fil-karozza.

Il-kaz tal-prosekuzzjoni qieghed iserrah fuq l-istqarrija tal-imputat fejn ammetta li l-bicciet tar-rezina tal-cannabis kienu tieghu, u li matul il-lejl kien abbuza mill-eroina, pero is-siringa li instabet fil-karozza ma kienitx tieghu imma kienet ta' siehbu, li gabha ghal terza persuna. Din l-istqarrija ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista' jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex ttiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputat, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq citati. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Kif diga inghad, iz-zewg tipi ta' droga instabu fil-karozza, fejn l-imputat kien qieghed ma persuna ohra. Ghalhekk – la darba giet skartata l-istqarrija – hemm dubbju jekk id-droga misjuba kienitx tal-imputat jew ta' siehbu jew tat-tnejn.  Ladarba hemm dan id-dubju, dan id-dubju irid bil-fors imur favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN

292/1939, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mad-droga ezebiti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 2 ta’ April 2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Claire Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Claire Farrugia ta’ 26 sena, bint Anthony u Margaret nee Psaila, imwielda Attard fis-26 ta’ Dicembru 1978, u residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, detentrici tal-Karta tal-Identita numru 15979(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Marzu 2005 fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin (CCF) Rahal Gdid:

a) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Marzu 2005, bhala persuna detenuta gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr awtorita legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti mill-konfini tal-Habs, u cioe fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, oggetti ikun li jkunu, specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Ikkunsidrat:

Fil-kaz odjern jikkoncerna incident li sehh fis-7 ta’ Marzu 2005, meta l-imputata kienet detenuta fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin u hija kellha *contact visit* ma detenut iehor. Wara din iz-zjara, saret tfittxija fuq l-imputata, u il-prosekuzzjoni qieghda tallega li f’halqha sabulha pakkett tal-plastic li go fih kien hemm xi sustanza kannella.

L-imputata irrilaxxat stqarrija lill-Ispettur Nadia Lanzon, kif ukoll stqarrija ohra lil Dr. Juliana Scerri Ferranti nominata mill-Magistrat Inkwerenti. Pero fit-trattazzjoni orali, id-difensur ta’ l-imputata, Dottor Toni Abela irrileva l-kwistjoni li dawn l-istqarrijiet ghandhom jigu sfilzati jew ghall-inqas skartati, ghaliex l-imputata ma kelliex l-opportunita li tiehu parir legali qabel tirrilaxxa dawn l-istqarrijiet.

Din il-Qorti tirreferi ghall-insenjament fir-rigward tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi **Pulizija v. Alvin Privitera** deciza fil-11 ta’ April 2011, u **Pulizija v. Esron Pullicino** u **Pulizija v. Mark Lombardi,** it-tnejn decizi fit-12 ta’ April 2011. Jirrizulta li l-istqarrijiet ta’ l-imputata ittiehdu fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement dawn l-istqarrijiet ma jista’ jkollhom l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta’ dawn il-proceduri kriminali ghaliex ittiehdu bi ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq tal-imputata, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant dawn l-istqarrijiet qed jigu skartati minn din il-Qorti.

Kif diga inghad, f’halq l-imputata instab pakkett zghir tal-plastik b’xi sustanza kannella go fih. Il-Magistrat Inkwerenti kien hatar lill-Ispizjar Mario Mifsud biex janalizza din is-sustanza, u fil-fatt l-Ispizjar Mifsud kien ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti fil-21 ta’ April 2005. Din ir-relazzjoni tinsab annessa fil-*proces verbal* tal-Magistrat Inkwerenti maghluq fl-14 ta’ Awissu 2008. Dan il-*proces verbal* gie ipprezentat f’dawn il-proceduri fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2009 bhala Dok NF, pero ix-xhieda u l-esperti, inkluz l-Ispizjar Mifsud, ma ittellghux jixhdu f’dawn il-proceduri.

Ir-regola fil-proceduri kriminali istitwiti mill-pulizija quddiem din il-Qorti, cioe il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' gudikatura kriminali hija li *"it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm"* – ara l-Artikolu 375(c), li *a sua volta* jirreferi ghall-Artikolu 374(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 550(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi: *"Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda fl-inkjesta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja."* Dan l-Artikolu kien gie emendat bl-Att XVI ta' l-2006, biex jezenta lix-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access milli jergghu jixhdu fl-inkjesta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja. Pero ma hemmx dubbju li l-Artikolu 550(1) ma jestendix din l-ezenzjoni ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghaldaqstant, anke meta il-process verbal ikun gie ipprezentat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ix-xhieda, l-esperti u l-persuni l-ohra li jkunu dehru fl-access, iridu jergghu jixhdu quddiem din il-Qorti, u dan ai termini ta' l-Artikolu 375(c) tal-Kapitolu 9.

Kif diga inghad, fil-kaz odjern, l-Ispizjar Mifsud ma ittellghax jixhed biex jikkonferma l-konkluzjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti. Konsegwentement, din il-Qorti ma ghandhix prova ta' x'kienet is-sustanza kannella fil-pakkett tal-plastik li instab f'halq l-imputata. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel imputazzjoni cioe, dik ta' pussess semplici tad-droga eroina.

In vista tal-konkluzjonijiet suesposti, m'huwiex il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 imsemmi fit-tieni imputazzjoni, billi ladarba ma hemmx prova ta' x'kienet is-sustanza fil-pakkett, l-imputata qatt ma tista' tinsab hatja ta' ksur ta' dan l-Artikolu.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnhom.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**